KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.2.2007
KUMM(2007) 56 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI

dwar informazzjoni xjentifika fl-era diġitali: aċċess, tixrid u preżervazzjoni

{SEC(2007)181}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI

dwar informazzjoni xjentifika fl-era diġitali: aċċess, tixrid u preżervazzjoni

1. INTRODUZZJONI

Din il-Komunikazzjoni toħroġ minn żewġ linji politiċi, **l-inizjattiva i2010 dwar il-libreriji diġitali** u **l-politika Komunitarja dwar ir-riċerka.** L-inizjattiva libreriji diġitali għandha l-għan li tirrendi l-informazzjoni aktar aċċessibbli u li tkun tista' tintuża aħjar fl-ambjent diġitali. L-inizjattiva ssegwi ittra tat-28 ta' April 2005 mis-sitt Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern li fiha jitlobu lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jittejjeb l-aċċess għall-wirt kulturali u xjentifku [1]ta' l-Ewropa.

Il-politika Komunitarja dwar ir-riċerka għandha l-għan li timmassimizza l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tar-riċerka għall-iżvilupp tal-ġid pubbliku. Din il-Komunikazzjoni tirrappreżenta l-ewwel pass fi ħdan proċess politiku usa' li jindirizza kif taħdem is-sistema ta' pubblikazzjoni xjentifika u x'impatt għandha fuq l-eċċellenza fir-riċerka. Bit-tnedija tas-Seba' Programm ta' Qafas (FP7) għall-2007-2013 u l-Kommunikazzjoni li ġejja dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA) din tiġi f'waqt strateġiku għar-riċerka Ewropea.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa t-tnedija ta' proċess politiku dwar (a) l-aċċess għal u t-tixrid ta' l-informazzjoni xjentifika[2], u (b) strateġiji għall-preżervazzjoni ta' informazzjoni xjentifika madwar l-Unjoni, kif ukoll li tgħarraf dwar l-importanza ta' proċess bħal dan. Għal dan il-għan, qiegħda tħabbar sensiela ta' miżuri fuq livell Ewropew u tindika l-ħtieġa ta' dibattitu kontinwu dwar din il-politika.

Dawn il-kwistjonijiet għandhom impatt dirett fuq il-kapaċità ta' l-Ewropa li tikkompeti permezz ta' l-għarfien, fattur determinanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-aġenda ta' Liżbona għall-kompetittività.

2. SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI XJENTIFIKA.

Sabiex issir ekonomija dejjem aktar kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien, l-Ewropa għandha ttejjeb il-produzzjoni ta' l-għarfien permezz tar-riċerka, it-tixrid tiegħu permezz ta' l-edukazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu permezz ta' l-innovazzjoni. Ir-riċerka kollha tibni fuq ix-xogħol li jkun sar qabel u tiddependi fuq il-possibbiltajiet li jkollhom ix-xjenzjati biex ikollhom aċċess għal kif ukoll biex jaqsmu bejniethom il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u d-dejta ta' riċerka. It-tixrid rapidu u mifrux tar-riżultati tar-riċerka jgħin biex l-innovazzjoni titħaffef u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-isforzi tar-riċerka, għalkemm xi dewmien mill-ewwel użu tar-riċerkaturi jew għal għanijiet kummerċjali jista' jiġi ġġustifikat. Is-sistema li biha l-informazzjoni xjentifika tiġi ppubblikata hija kruċjali għaċ-ċertifikazzjoni u t-tixrid tagħha, u għalhekk għandha impatt maġġur fuq il-politiki dwar il-fondi għar-riċerka u fuq l-eċċellenza fir-riċerka Ewropea.

---

[1] F'din il-Komunikazzjoni, it-termini "xjentifiku" jew "xjenza" jirreferu għal attività ta' riċerka fis-suġġetti kollha akkademiċi inkluż ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi.

[2] Għall-iskop ta' din il-Kommunikazzjoni, 'informazzjoni xjentifika' hija kkostitwita minn publikazzjonijiet u dejta tar-riċerka.

L-awtoritajiet pubbliċi jiffinanzjaw madwar terz tar-riċerka Ewropea[3] u għalhekk għandhom interess ovvju li jottimizzaw is-sistema ta' informazzjoni xjentifika. L-investiment tal-Komunità Ewropea huwa wieħed għoli u l-interessi tagħha huma kbar: bejn l-2017 u l-2013, il-Komunità ser tinvesti madwar €50 biljun fl-FP7.

3. L-AĊĊESS GĦAL U T-TIXRID TA' INFORMAZZJONI XJENTIFIKA FL-ERA DIĠITALI

3.1. Sistema f'tranżizzjoni: swieq ġodda, servizzi u atturi

L-użu tal-kontenut diġitali fir-riċerka u fit-tixrid ta' l-għarfien, li kull ma jmur qiegħed jikber b'rata mgħaġġla, huwa karatteristika ewlenija tax-xjenza moderna. L-Internet jagħmel possibbli l-aċċess immedjat u t-tixrid ta' l-informazzjoni xjentifika filwaqt li l-għodod ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni joffru metodi innovattivi biex jiżdied il-valur. Fetħu metodi ġodda għall-użu ta' ammonti kbar ta' dejta li jirriżultaw minn esperimenti u osservazzjonijiet waqt il-proċess xjentifiku u għall-ħruġ ta' tifsiriet minn din id-dejta maħżuna f'repożitorji maqgħuda ma' riżorsi oħra ta' informazzjoni xjentifika. Dan iwassal għal "continuum" għal firxa ta' informazzjoni xjentifika minn dejta mhux maħduma għal pubblikazzjonijiet madwar komunitajiet u pajjiżi differenti.

Ir-rivisti xjentifiċi tradizzjonalment għandhom rwol ċentrali fi ħdan is-sistema ta' informazzjoni xjentifika. Huma mezz għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka u għandhom impatt konsiderevoli fuq il-karrieri tax-xjenzjati Il-proċess ta' l-evalwazzjoni tal-pari li huwa l-bażi ta' l-artikli ta' rivisti huwa l-mekkaniżmu prinċipali għall-kontroll tal-kwalità.

Il-bidla teknoloġika toffri opportunitajiet tremendi għall-pubblikaturi xjentifiċi ta' l-Ewropa. Matul l-aħħar snin li għaddew, il-pubblikaturi xjentifiċi u atturi oħrajn għamlu investimenti sostanzjali fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni għat-tqassim *online*, fir-retro-diġitizzazzjoni tal-kontenut, u s-servizzi ta' valur miżjud. Madwar 90% tar-rivisti xjentifiċi issa huma disponibbli online, f'ħafna każijiet permezz ta' abbonament.

> *Hemm madwar 2000 pubblikatur ta' rivisti xjentifiċi globalment, li jipproduċu madwar 1.4 miljun artiklu fis-sena. Xi 780 minn dawn il-pubblikaturi jinsabu fl-UE, u jipproduċu 49% tal-prodott total tar-rivisti. Jimpjegaw xi 36 000 direttament fl-UE u għandhom pożizzjoni qawwija fis-suq dinji.*

Xejra reċenti u importanti kienet l-iżvilupp tal-moviment ta' aċċess miftuħ, ibbażat fuq il-perspettiva li l-aċċess għal pubblikazzjonijiet u d-dejta għandu jitjieb fl-era ta' l-Internet. Dan il-moviment jimmira għal aċċess immedjat u liberu fuq l-Internet għal-pubblikazzjonijiet tar-riċerka. Pass ewlieni fi ħdan dan il-moviment huwa d-Dikjarazzjoni ta' Berlin ta' l-2003 dwar Aċċess Miftuħ għall-Għarfien fix-Xjenzi u fl-Istudji Umanistiċi.

> *Skond id-Dikjarazzjoni ta' Berlin, il-pubblikazzjoni b'Aċċess Miftuħ teħtieġ li l-awturi jagħtu aċċess liberu għall-kontributi xjentifiċi tagħhom, kif ukoll il-possibilità li dawn jintużaw, soġġett għall-għoti tad-drittijiet ta' l-awtur. Minbarra dan, verżjoni sħiħa tax-xogħol u materjali supplimentari għandhom jiġu ddepożitati f'talanqas repożitorju* online *wieħed. 196 istitut ta' riċerka issa ffirmaw id-dikjarazzjoni, li għada miftuħa għall-iffirmar.*

---

[3] Referenzi li jappoġġjaw din l-istqarrija u l-figuri li ntużaw f'dan id-dokument, kif ukoll id-definizzjonijiet ewlenin jinsabu fid-dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni.

Il-moviment Aċċess Miftuħ irriżulta fl-esperimentazzjoni tal-pubblikaturi bil-mudell 'l-awtur iħallas,' li jippermetti aċċess liberu *online* għall-qarrejja. Dan il-mudell ta' negozju jittrasferixxi l-ispejjeż ta' pubblikazzjoni mingħand il-qarrej għall-awtur, i.e. l-istituzzjoni jew entità ta' finanzjament ta' l-awtur. Hemm ukoll għadd jiżdied ta' l-hekk imsejħa rivisti ibridi li joffru kemm soluzzjoni biex il-qarrej iħallas kif ukoll biex l-awtur iħallas. Mudell ieħor li qed jiġi esperimentat bħal issa jipprevedi li massa kruċjali ta' rivisti f'żona speċifika tersaq lejn l-aċċess miftuħ, taħt il-patrunaġġ ta' konsorzju ta' entitajiet ta' finanzjament. Eżempju huwa l-Konsorzju Sponsorjattiv għal Pubblikazzjoni b'Aċċess Miftuħ fil-Fiżika tal-Partiċelli mmexxi minn CERN, l-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari. Bħalissa, rivisti b'aċċess miftuħ jikkostitwixxu madwar 10% tal-prodott totali tar-rivisti.

Żvilupp ieħor huwa d-depożitu ta' artikli ta' rivisti li ġew evalwati mill-pari u/jew li għadhom ma ġewx evalwati f'repożitorji liberament aċċessibbli organizzati mill-istituzzjoni jew id-dixxiplina. F'xi każijiet, id-depożitu jseħħ wara perjodu ta' embargo li matulu l-pubblikaturi jistgħu jiksbu qligħ fuq l-investiment tagħhom (e.g. Cairn fi Franza/il-Belġju). It-tul tal-perjodu ta' l-embargo jista' jvarja bejn id-dixxiplini.

Xi aġenziji ta' finanzjament għar-riċerka huma attivi fl-iżvilupp ta' politiki li jirrakkomandaw jew jagħtu mandat għal pubblikazzjoni f'repożitorji miftuħa ta' artikli ta' rivisti li jirriżultaw mir-riċerka li jiffinanzjaw. Eżempji prominenti huma l-*Wellcome Trust* u n-*National Institutes of Health.* Fis-Senat ta' l-Istati Uniti, dan l-aħħar ġie introdott abbozz ta' liġi li jipprovdi għal aġenziji federali biex jiżviluppaw politiki ta' aċċess pubbliku.

Ix-xejriet deskritti hawn waslu għal dibattitu dwar is-sistema ta' informazzjoni xjentifika, b'enfasi fuq artikli ta' rivisti xjentifiċi. L-argumenti ewlenin li użaw il-partijiet interessati huma deskritti fil-qosor hawn.

L-argumenti ewlenin tar-riċerkaturi, l-organizzazzjoniet ta' riċerka, l-entitajiet ta' finanzjament, u l-libreriji

- *Aċċess miftuħ jista' jżid l-impatt tar-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni permezz ta' aċċess imtejjeb u tixrid rapidu ta' riżultati tar-riċerka.*
- *L-Internet għandu jnaqqas l-ispejjeż tal-pubblikazzjoniet xjentifiċi, iżda l-prezzijiet tar-rivisti żdiedu. Dan jaffettwa l-aċċess għal informazzjoni xjentifika.*
- *Il-kaxxa tal-pajjiż tħallas għar-riċerka, l-evalwazzjoni tal-pari (permezz tas-salarji ta' l-evalwaturi), u r-rivisti (e.g. permezz tal-baġits tal-librerija). Hija ħaġa naturali li l-atturi pubbliċi jitolbu ritorn aħjar minn fuq l-investiment tagħhom.*

L-argumenti ewlenin tal-pubblikaturi

- *Ma hemm ebda problema ta' aċċess. L-aċċess għall-informazzjoni xjentifika qatt ma kien aħjar.*
- *Il-pubblikazzjoni tiswa l-flus. Il-pubblikaturi jżidu valur konsiderevoli lill-proċess tar-riċerka billi jiggarantixxu l-kwalità ta' l-artikli ta' rivisti bl-aktar mod effiċjenti possibli.*
- *Is-suq tal-pubblikazzjoni huwa kompetittiv ħafna u ma jirrikjedix intervenzjoni pubblika. Intervenzjoni maħsuba ħazin tista' twassal għal implużjoni tas-sistema kurrenti mingħajr ma tkun qed toffri alternattiva ċara u vijabbli.*

3.2. Kwistjonijiet u sfidi

Kwistjonijiet amministrattivi

Bidla fl-għamla tal-mudell ta' negozju tal-pubblikazzjoni li jintuża normalment tista' ġġib magħha konsegwenzi amministrattivi mhux mistennija. Per eżempju, fil-mudell 'l-awtur iħallas', l-ispejjeż għall-aċċess tar-riżultati jiġu trasferiti minn parti waħda mill-istituzzjoni pubblika (il-librerija) għal oħra (e.g. dipartimenti ta' l-università). Dan jista' jwassal għal spejjeż tranżizzjonali jew għal waqfa temporanja fl-aċċessibilità ta' l-informazzjoni xjentifika.

L-għadd dejjem jiżdied ta' repożitorji ġodda li mhux biss għandhom rivisti li ġew evalwati mill-pari, iżda wkoll dokumenti ta' ħidma, teżijiet tal-PHD, dejta tar-riċerka, eċċ iqajjem kwistjonijiet oħra.

> *Eżempju ta' dan il-metodu integrat huwa l-programm DARE fl-Olanda. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi aċċess ħieles għall-prodott akkademiku mill-universitajiet kollha. L-infrastruttura bażika tinkludi aktar minn 100.000 rapport xjentifiku u rivisti ta' riċerka, u f'fażi aktar tard se tinkludi dejta esperimentali jew ta' osservazzjoni, u oġġetti diġitali oħra bħal fajls bil-vidjow u bl-awdjo.*

Ir-repożitorji diġitali jwiegħdu sorsi ta' informazzjoni ġodda u integrati u jipprovdu dejjem iżjed infrastruttura strateġika li tagħti sostenn għar-riċerka. Jirrikjedu sforz konsiderevoli ta' amministrazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet bħal: min ikun responsabbli mid-depożitu tal-materjal? Kif għandhom jiġu ggarantiti l-kwalità tar-repożitorji u tal-kontenut tar-repożitorju (e.g. ġestjoni tal-verżjoni)? U kif jistgħu repożitorji fl-Ewropa jitgħaqqdu flimkien sabiex ikun hemm massa kruċjali ta' informazzjoni?

Kwistjonijiet legali

Fil-każ ta' pubblikazzjoni ta' artikli xjentifiċi f''rivisti, l-awturi normalment jassenjaw id-drittijiet tagħhom lill-pubblikaturi. Il-pubblikaturi mbagħad jipprovdu għat-tixrid ta' dawn l-artikli bil-għan li jiżguraw ritorn fuq l-investiment tagħhom. Ir-riċerkaturi, l-entitajiet ta' finanzjament u l-libreriji ssuġġerew li l-prattiki preżenti ta' kuntratti jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-aċċess u t-tixrid u hemm il-ħtieġa li dan jitqies. Il-kwistjoni li tqajmet hawn mhix dwar l-introduzzjoni tar-regoli Komunitarji għal-liġi tal-kuntratt tad-drittijiet ta' l-awtur – qasam li ma ġiex armonizzat fuq livell Komunitarju – iżda riflessjoni dwar il-mod kif l-awturi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fl-ambjent diġitali.

Fil-każ tad-dejta tar-riċerka, il-kwistjoni tad-dritt tal-proprjetà intelletwali (l-IPR) hija ħaġa differenti. Filwaqt li d-dejta tar-riċerka per se mhix protetta mill-IPRs, id-Direttiva 96/9/KE dwar il-protezzjoni legali tad-*databases*[4]tipproteġi l-isforzi fl-organizzazzjoni tad-dejta tar-riċerka. F'dan il-kuntest, qam it-tħassib dwar l-impatt tad-dritt *sui generis* tal-protezzjoni tad-*databases* mhux oriġinali fuq l-aċċessibilità tad-dejta tar-riċerka xjentifika[5].

Fil-każ li dejta personali tiġi pproċessata jew mxerrda f'dan il-kuntest, għall-aċċess u l-użu ta' din id-dejta għandhom jiġu rispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali kif stabbiliti fid-Direttivi ta' l-UE 95/46/KE u 2002/58/KE[6]

Kwistjonijiet tekniċi

Il-progress teknoloġiku jista' jikkontribwixxi ħafna għall-aċċessibilità u l-użu ta' l-informazzjoni xjentifika. Per eżempju, għodd għat-tfittix imtejba jistgħu jgħinu lir-riċerkaturi

---

4 *OJ L 77, 27.3.1996, p. 20.*

5 Ara r-rapport ta' valutazzjoni 2005 dwar id-Direttiva mid-DG MARKT http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/docs/databases/evaluation_report_en.pdf.

6 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31, u L 201, 31.7.2002, p.37.

jsibu l-informazzjoni u jimxu 'l quddiem f'oqsma ġodda filwaqt li għodod kollaborattivi jistgħu jtejbu l-mod kif ir-riċerkaturi jaqsmu l-informazzjoni.

Sabiex jitgħaqqdu flimkien ir-repożitorji diġitali u sabiex jiġu disponibbli għat-tfittix, kwistjonijiet ta' inoperabilità għandhom jiġu indirizzati b'mod sistematiku. F'dan ir-rigward, l-użu ta' *standards* miftuħa huwa kruċjali.

Kwistjonijiet ta' finanzjament

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, fil-medja l-prezzijiet ta' l-abbonamenti ta' rivisti żdiedu 'l fuq mil-livell inflazzjonarju - skond studju wieħed, 4.5% fis-sena 'l fuq mill-inflazzjoni - filwaqt li hemm differenzi konsiderevoli skond liema dixxiplini u rivisti. Dan poġġa l-libreriji ffinanzjati minn fondi pubbliċi, u l-klijenti prinċipali tagħhom, taħt pressjoni finanzjarja u f'ċerti każijiet wasal għat-tħassir ta' l-abbonamenti. Dan jinħass l-aktar mill-istituzzjonijiet anqas rikki u f'pajjiżi fejn il-livelli tad-dħul huma aktar baxxi. Il-pubblikaturi jargumentaw li ż-żidiet fil-prezzijiet huma kkaġunati miż-żieda fil-għadd ta' artikli sottomessi u minħabba l-volumi dejjem jiżdiedu ta' rivisti, u li għandhom x'jaqsmu ma' rata ta' użu aktar għolja.

Fl-istess ħin, iż-żieda fil-baġits tar-riċerka issuperat il-finanzjament għat-tixrid ta' riżultati tar-riċerka – illum anqas minn 1% tat-total ta' l-infiq R&D Ewropew – inkluż il-baġits disponibbli tal-libreriji. Il-pubblikaturi irrispondew billi offrew 'offerti kbar' (gzuz ta' rivisti bi prezz skontat) lil-libreriji u lill-konzorji tal-libreriji. Dawn ibbenefikaw minn organizzazzjonijiet ta' riċerka madwar l-Ewropa, iżda magħhom daħlet ukoll il-problema ġdida ta' l-inflessibilità tal-baġits tal-libreriji minħabba kuntratti multi-annwali u li huma relattivament riġidi.

Kwistjoni finanzjarja oħra hija dik tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-prodotti diġitali. Madwar l-Ewropa, ir-rivisti diġitali huma soġġetti għal rata tal-VAT filwaqt li rivisti tal-karta jibbenefikaw minn rata mnaqqsa. Għalhekk l-istess kontenut iwassal għal rata differenti tal-VAT skond il-medja. Barraminhekk, minħabba r-regoli attwali li jikkonċernaw l-eżenzjonijiet, l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituti tar-riċerka u l-libreriji ma jistgħux inaqqsu l-ispejjeż tal-VAT. Sabiex jindirizzaw din is-sitwazzjoni, xi Stati Membri jagħtu ħlas lura tal-VAT lil-libreriji għall-abbonamenti tar-rivisti diġitali.

4. IL-PREŻERVAZZJONI FL-ERA DIĠITALI

4.1. Il-problema

Il-preżervazzjoni tal-materjal diġitali fit-tul hija problema ċentrali għas-soċjetà ta' l-informazzjoni, li tikkaratterizza provvista ta' informazzjoni li tiżdied b'mod esponenzjali u li qed issir dejjem aktar dinamika. L-informazzjoni diġitali mhijiex stabbli minħabba bidliet mgħaġġla fil-ħardwer u s-softwer, u fit-tul tal-ħajja limitata tat-tagħmir tal-ħżin. L-informazzjoni teħtieġ li tiġi ppreżervata sabiex tkun tista' tibqa' tinqara u tintuża fil-ġejjieni. Din l-isfida ġiet enfasizzata fil-Komunikazzjoni 'i2010: libreriji diġitali' rigward il-wirt kulturali diġitali ta' l-Ewropa.

Il-kwistjoni tal-preżervazzjoni hija rilevanti għal pubblikazzjonijiet u għad-dejta tar-riċerka. Il-preżervazzjoni tad-dejta tar-riċerka hija essenzjali biex jiġu żgurati t-traċċabilità ta' l-esperimenti u l-possibilità li jiġu repetuti. Barrraminhekk, ir-riċerka kemm-il darba tiddependi fuq osservazzjonijiet tal-passat, eżempju fil-każ tar-riċerka dwar il-bidla fil-klima. Xi kultant, id-dejta tar-riċerka miġbura fil-passat tikseb rilevanza kontemporanja.

*Hekk kien il-każ waqt l-allarm dwar l-*anthrax *fl-Istati Uniti u fl-Ewropa. Il-*British Library *– wieħed mill-ftit postijiet madwar id-dinja b'ħażniet storiċi komprensivi ta' informazzjoni tar-riċerka dwar l-*anthrax *– irċeviet għadd ta' talbiet għall-informazzjoni. Prattikament għal erbgħin sena ma kienet saret ebda riċerka ġdida fuq l-*anthrax[7].

Bħalissa ma hemm ebda strateġija stabbilita madwar l-Unjoni għall-preżervazzjoni fit-tul u għall-possibilità ta' l-użu ta' l-informazzjoni diġitali xjentifika. Inizjattivi eżistenti fuq livell nazzjonali u Ewropew għandhom jitgħaqqdu b'mod sistematiku. Il-preżervazzjoni hija wkoll qasam b'potenzjal tas-suq konsiderevoli (e.g. servizzi ta' ħżin) fejn l-Ewropa ma taffordjax li taqa' lura.

4.2. Kwistjonijiet u sfidi

Kwistjonijiet amminstrattivi

Il-kwistjoni tal-preżervazzjoni tqajjem mistoqsijiet amministrattivi. Min hu responsabbli għall-preżervazzjoni tad-dejta tar-riċerka u għas-softwer u l-ħardwer meħtieġa? X'inhuma r-rwoli ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tal-libreriji? Skond liema kriterji għandu jiġi ppreżervat il-materjal li jintgħażel? Barraminhekk, strateġija pubblika ta' preżervazzjoni li tirnexxi teħtieġ kollaborazzjoni tajba bejn l-isħab pubbliċi u privati.

Eżempji ta' sħab pubbliċi-privati għall-iskopijiet ta' preżervazzjoni huma l-ftehimiet bejn il-Librerija Nazzjonali ta' l-Olanda (KB) u l-pubblikaturi bħal Reed Elsevier, Springer u Bio-Med Central.

Kwistjonijiet legali

Id-depożitu legali, i.e. l-obbligu li l-produtturi tal-kontenut jagħmlu disponibbli kopja waħda jew aktar tal-materjali xjentifiċi għal korp ta' depożitu uffiċjali, hija kwistjoni ċentrali għall-preżervazzjoni ta' l-informazzjoni diġitali xjentifika. L-Istati Membri bdew jestendu l-arranġamenti għad-depożitu lill-informazzjoni diġitali, b'aċċellerazzjonijiet differenti u b'tipi differenti ta' informazzjoni koperti. Madankollu, it-tranżizzjoni għal ambjent diġitali tista' tikkaġuna lakuni fir-rekord intellettwali. Rapport ta' l-2004 mill-Kumitat għax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-*House of Commons* tar-Renju Unit wera differenza ta' 60% fid-depożitu ta' pubblikazzjonijiet li ntbagħtu elettronikament minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tad-depożitu legali[8]. Sabiex l-effiċjenza tal-proċess tal-preżervazzjoni tiġi mmassimizzata, l-informazzjoni diġitali għandha tkun disponibbli għal entitajiet ta' depożitu mingħajr protezzjoni teknika kontra l-ikkupjar.

Kwistjonijiet tekniċi

Avvanzi teknoloġiċi jistgħu jgħinu sabiex l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli u tkun tista' tintuża. L-għan huwa li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-preżervazzjoni u jinħolqu soluzzjonijiet għal sfidi bħall-ħżin ta' volumi sħaħ ta' kontenut dinamiku. Titjib fl-infrastruttura teknika ta' bażi jżid il-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka biex jaħżnu l-informazzjoni.

Kwistjonijiet ta' finanzjament

L-ispiża ta' preżervazzjoni fit-tul u sostenibbli għandha titqies meta jiġu stabbiliti r-repożitorji miftuħa, iżda din ħafna drabi tkun diffiċli biex tiġi vvalutata. Fatturi determinanti jinkludu t-

---

7 Aċċess Permanenti tat-Task Force Ewropew, 'Aċċess permanenti għar-reġistrazzjonijiet tax-xjenza'.

8 Rapport tal-HC Science and Technology Committee 'Scientific Publications - Free for all?' - HC 399-1, Lulju 2004, p. 93.

tip u l-volum ta' l-informazzjoni maħżuna, l-għadd ta' migrazzjonijiet meħtieġa, u l-użu previst.

5. AZZJONIJIET FUQ LIVELL EWROPEW

5.1. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni

Inizjattivi li jwasslu għal aċċess aktar mifrux u għat-tixrid ta' informazzjoni xjentifika huma neċessarji, speċjalment fir-rigward ta' artikli ta' rivisti u dejta tar-riċerka prodotti abbażi ta' finanzjament minn fondi pubbliċi. Rigward artikli ta' rivisti, il-Kummissjoni qed tosserva u tikkunsidra esperimenti ta' pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ.

Dejta tar-riċerka li kienet iffinanzjata kompletament minn fondi pubbliċi għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' l-OECD 2004 dwar Aċċess għad-Dejta tar-Riċerka minn Fondi Pubbliċi[9].

Minbarra dan, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-ħtieġa ta' strateġiji ċari għall-preżervazzjoni ta' informazzjoni xjentifika.

Il-Kummissjoni tapprezza r-rwol kruċjali tal-partijiet interessati kollha fis-sistema ta' informazzjoni xjentifika, u dawn il-partijiet interessati għandhom ikunu involuti fi kwalunkwe proċess li jirrigwarda l-aċċess għal, kif ukoll it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' informazzjoni xjentifika.

5.2. X'sar s'issa?

L-Istati Membri u l-Kummissjoni bdew jesploraw kwistjonijiet dwar aċċess, tixrid u preżervazzjoni ta' informazzjoni xjentifika, permezz ta' **finanzjament ta' proġetti** u bit-**tnedija ta' dibattitu pubbliku mal-partijiet interessati**.

Eżempji ta proġetti rilevanti ko-finanzjati taħt is-Sitt Programm ta' Qafas (FP6) huma CASPAR, DRIVER, u SEADATANET.

> *CASPAR jistudja kif l-aċċess fil-ġejjieni għandu jiġi ġestit u kif għandha tiġi ppreżervata d-dejta xjentifika. DRIVER jiffoka fuq metodi dwar kif jistgħu jingħaqdu r-repożitorji ta' informazzjoni xjentifika. SEADATANET jimmira għall-iżvilupp ta' Infrastruttura Pan-Ewropea dwar il-Ġestjoni ta' Dejta dwar il-Baħar li tintegra r-repożitorji nazzjonali tad-dejta tal-baħar.*

Il-Kummissjoni bdiet ukoll xogħol ma' gruppi ta' esperti u ġabret l-opinjonijiet mill-partijiet interessati, per eżempju il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libreriji Diġitali u l-Bord Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka (EURAB).

Iffinanzjat ukoll 'Studju dwar l-evoluzzjoni ekonomika u teknika tas-swieq tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi fl-Ewropa,'[10] li ġie soġġett għal konsultazzjoni pubblika fl-2006. It-tweġibiet minn dawn l-inizjattivi flimkien ma' interazzjoni regolari mal-partijiet interessati taw kontributi siewja lill-Kummissjoni.

---

9 Adottata f'Pariġi fit-30 ta' Jannar 2004. Rakkomandazzjoni ta' l-OECD dwar din il-kwistjoni bħalissa qiegħda fi tħejjija.

10 http://ec.europa.eu/research/science-society/pdf/scientific-publication-study_en.pdf

Fuq **il-livell politiku**, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar *id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn ta' informazzjoni kulturali u l-preżervazzjoni diġitali* adottata fl-24 ta' Awissu 2006 tindirizza l-kwistjoni tal-preżervazzjoni diġitali.[11]

5.3. Azzjonijiet fil-ġejjieni ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea

A. L-aċċess għal riżultati tar-riċerka ffinanzjata mill-Kummissjoni

Fi ħdan l-FP7, il-Kummissjoni ser tieħu miżuri għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar għall-pubblikazzjonijiet li jirriżultaw mir-riċerka li tkun qed tiffinanzja. F'dan il-kuntest, l-ispejjeż proġettwali marbuta mal-pubblikazzjoni, inkluż il-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ, ikunu eliġibbli għall-kontribut finanzjarju mill-Komunità. Il-Kummissjoni ser tinkoraġġixxi l-komunità tar-riċerka biex tagħmel użu minn din il-possibilità.

Il-Kummissjoni tipprevedi ukoll, li fi ħdan programmi speċifiċi (e.g. il-programmi ġestiti mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka), wara l-perjodu ta' l-embargo toħroġ linji ta' gwida speċifiċi dwar il-pubblikazzjoni ta' artikli f'repożitorji miftuħa. Dan ikun isir fuq bażi settorjali, li jqis l-ispeċifiċità tad-dixxiplini akkademiċi u xjentifiċi differenti.

B. Il-kofinanzjament ta' infrastrutturi u proġetti ta' riċerka (b'mod partikolari r-repożitorji).

Fi ħdan l-FP7 il-Kummissjoni għandha tintensifika l-attivitajiet tagħha relatati ma' l-infrastrutturi li huma rilevanti għall-aċċess ta' l informazzjoni xjentifika, b'mod partikolari billi tgħaqqad ma' xulxin u fuq livell Ewropew ir-repożitorji diġitali. Ammont ta' madwar €50 miljun ser ikun disponibbli għal dan il-għan għall-perjodu 2007-2008 (madwar 20 miljun minnhom ġew allokati għas-sena 2007).

Minbarra dan, ammont indikattiv ta' €25 miljun ser jiġi pprovdut matul dan il-perjodu (madwar 15-il miljun minnhom matul l-2007) għar-riċerka dwar il-preżervazzjoni diġitali (b'mod partikolari netwerk ta' Ċentri ta' kompetenza għall-preżervazzjoni diġitali) u dwar għodod kollaborattivi għall-użu tal-kontenut.

Fi ħdan il-programm *e*Content*plus* (2005-2008), €10 miljun ġew allokati għat-titjib fl-aċċessibilità ta' u l-possibilità l-jintuża l-kontenut xjentifku, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' interoperabilità u l-aċċess multilingwali.

C. Kontributi għad-dibattitu tal-ġejjieni dwar il- politika

Biex tagħti spinti lid-dibattitu u lill-proċess ta' politika, il-Kummissjoni ser tniedi studju dwar l-aspetti ekonomiċi tal-preżervazzjoni diġitali li għandu jibda fl-2007. Barraminhekk, permezz tal-programm Xjenza fis-Soċjetà, il-Kummissjoni ser tagħti l-appoġġ tagħha għar-riċerka dwar is-sistema ta' pubblikazzjoni xjentifika fi ħdan iż-ZER u fuq livell globali, per eżempju dwar il-mudelli ta' negozju tal-pubblikazzjoni, l-istrateġiji għat-tixrid, u l-konnessjonijiet bejn l-eċċellenza fir-riċerka, l-integrità xjentifika u s-sistema ta' pubblikazzjoni xjentifika.

Meta tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar il-VAT, il-Kummissjoni ser tistudja b'mod kritiku l-kwistjonijiet rilevanti għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, bħalma huma r-restrizzjonijiet għall-awtoritajiet pubbliċi jew is-setturi li huma eżenti għall-ħlas lura fuq il-VAT.

D. Ko-ordinazzjoni ta' politika u dibattitu dwar il-politika mal-partijiet interessati

Diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għandom jikkontribwixxu lejn l-għarfien komuni tal-kwistonijiet ta' aċċess u tixrid fuq livell Ewropew. F'dan ir-rigward, l-Istati

---

[11] ĠU L 236, 31.8.2006, p.28.

Membri huma mistiedna jesploraw strateġiji possibbli komuni u jiddiskutu l-kwistjonijiet rilevanti u l-isfidi – dawk amministrattivi, legali, tekniċi u finanzjarji – kif ġew enfasizzati f'din il-Komunikazzjoni. Strumenti bħal ERA-NET u fora bħal CREST u ESFRI jistgħu jikkontribwixxu biex id-diskussjoni tieħu forma.

Il-Kummissjoni ser tkompli fid-diskussjonijiet ma' partijiet interessati fil-gruppi ta' esperti rilevanti u fil-gruppi ta' konsultazzjoni bħall-EIROforum, ESF, EURAB, u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libreriji Diġitali, filwaqt li tqis id-dimensjoni globali tal-kwistjoni. Ser torganizza konferenza fuq livell għoli dwar il-pubblikazzjoni xjentifika fl-ERA fil-bidu ta' l-2007.

Il-Kummissjoni ser tinkoraġġixxi l-universitajiet, l-organizzazzjonijet tar-riċerka, l-entitajiet ta' finanzjament għar-riċerka u l-pubblikaturi xjentifiċi fl-iskambju ta' l-informazzjoni ta' bejniethom dwar prattiċi tajba relatati ma' mudelli ġodda ta' aċċess u tixrid ta' l-informazzjoni xjentifika.

Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet

A. AĊĊESS GĦAR-RIŻULTATI TAR-RIĊERKA FFINANZJATA MILL-KUMMISSJONI

– L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni, inkluż pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ, iddefiniti bħala spejjeż eliġibbli fi proġetti tar-riċerka ffinanzjati mill-Komunità.

– Għandhom jinħarġu linji ta' gwida speċifiċi, fi ħdan programmi speċifiċi, dwar il-pubblikazzjoni ta' artikli f'repożitorji miftuħa.

B. KO-FINANZJAMENT PERMEZZ TAL-PROGRAMMI KOMUNITARJI

– Madwar €50 miljun għal xogħol fuq infrastrutturi, b'mod partikolari repożitorji diġitali, fl-2007-2008.

– Madwar €25 miljun għal xogħol fuq preżervazzjoni diġitali u għodod kollaborattivi fl-2007-2008.

– Madwar €10 miljun għall-aċċess u l-użu ta' informazzjoni xjentifika permezz tal-programm *e*Content*plus*

C. MATERJAL GĦAD-DIBATTITU TA' POLITIKA TAL-ĠEJJIENI

– Studju dwar l-aspetti ekonomiċi tal-preżervazzjoni diġitali.

– Finanzjament ta' riċerka dwar mudelli ta' negozju tal-pubblikazzjoni u dwar is-sistema ta' pubblikazzjoni xjentifika.

D. KO-ORDINAZZJONI TA' POLITIKA U DIBATTITU MAL-PARTIJIET INTERESSATI

– Deliberazzjonijiet fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill; aktar diskussjonijiet mal-partijiet interessati.

– Skambju ta' prattiċi tajba għal mudelli ġodda ta' l-aċċess għal kif ukoll it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' l-informazzjoni xjentifika.

6. KONKLUŻJONI

L-aċċess għall-informazzjoni xjentifika kif ukoll it-tixrid u l-preżervazzjoni tagħha huma sfidi maġġuri fl-era diġitali. Is-suċċess f'kull wieħed minn dawn l-oqsma huwa ta' importanza ewlenija għas-soċjetà ta' l-informazzjoni Ewropea u għall-politiki dwar ir-riċerka. Il-partijiet interessati differenti f'dawn l-oqsma għandhom opinjonijiet differenti dwar kif għandhom jimxu 'l quddiem biex itejbu l-aċċess, it-tixrid u l-preżervazzjoni.

F'dan il-proċess ta' tranżizzjoni mid-dinja ta' l-istampar għad-dinja diġitali, il-Kummissjoni ser tikkontribwixxi għad-dibattitu fost il-partijiet interessati u fost dawk li jfasslu l-politika billi tinkoraġġixxi l-esperimentazzjoni b'mudelli ġodda li jistgħu jtejbu l-aċċess għal u t-tixrid ta' informazzjoni xjentifika, u billi tappoġġja t-tagħqid ta' inizjattivi eżistenti ta' preżervazzjoni fuq livell Ewropew.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddibattu dwar il-kwistjonijiet rilevanti abbażi ta' din il-Komunikazzjoni.